MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 229/2004/1

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 1509/94**
**Fl-ismijiet:-**
**Eliza Company Limited**

**v.**

**Angelo Portelli, Giovanni Portelli, Martin Portelli, Francis Cutajar, Grezzju Cutajar, Paul Dimech, Joseph Tanti, Carmelo Giordimaina u Joseph Schembri.**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment dwar l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta` intimata Eliza Company Limited fir-risposta taghha tat-12 ta' Ottubru, 2004 ghar-rikors ta' Angelo Portelli et tat-22 ta' Settembru, 2004 ghall-hrug tal-kontro-mandat opportun u/jew provvedimenti ancillari skond id-diversi dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 836 tal-Kap. 12.

Din il-Qorti, wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum, tosserva li f'dan il-kaz il-Prim Awla tal-Qorti Civili bis-sentenza preliminari taghha tat-30 ta' Gunju, 2004 fil-kawza "Eliza Company Limited v. Angelo Portelli et" (Citaz. 614/03GV) affermat il-kompetenza taghha *rationae valoris* li tisma' l-kawza. Ghalhekk, sakemm ma jkunx hemm decizjoni kuntrarja minn din il-Qorti – cioe` mill-Qorti ta' l-Appell – il-Qorti li tat is-sentenza tat-30 ta' Gunju, 2004 ghandha titqies li ghada qed "titratta l-kawza" ghall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 836 imsemmi. Din il-Qorti (il-Qorti ta' l-Appell) f'dan il-kaz u bl-appell interpost mhix imsejha – ghall-anqas f'dana l-istadju – li tidhol fil-meritu proprju tal-kawza, izda hi msejha biss biex tiddeciedi eccezzjoni preliminari dwar inkompetenza. Inoltre, ghandu jigi precizat ukoll li fil-mument li gie prezentat ir-rikors ghall-hrug tal-kontro-mandat, u cioe` fit-22 ta' Settembru, 2004 il-Qorti ta' prim istanza kienet ghadha ghaddejja bis-seduti u kienet ghadha qed tisma' l-kaz, tant li kien biss fl-udjenza tal-10 ta' Novembru, 2004 li dik il-Qorti ordnat mhux il-kancellament tal-kawza izda biss li "l-kawza ma tibqax tidher fuq il-lista" sakemm jinqata' l-appell mid-decizjoni preliminari.

Konsegwentement ir-rikors tat-22 ta' Settembru, 2004 ghandu jinstema' u jigi deciz mill-Prim Awla tal-Qorti Civili li qed titratta l-kawza Citaz. 614/03 GV, u ghalhekk din il-Qorti tordna li l-atti ta' dan ir-rikors jigu minnufih mibghuta lil dik il-Qorti sabiex jigi trattat u eventwalment deciz minn dik il-Qorti. Spejjez ta' dan l-incident jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------